# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju, 2023

**Numru 7**

**Rikors Numru 1278/18TA**

**Michael Zammit (K.I. 596481M)**

**vs**

**Tonio Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Michael Zammit (l-Attur) tal-21 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-attur jaħdem bħala uffiċjal fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta. Illi nhar 1 ta' Awwissu 2017, waqt li kien fuq il-post tax-xogħol ġewwa Ħal-Luqa l-esponenti ġiet aggredit inġustament u mingħajr ebda raġuni mill-konvenut Tonio Micallef.

2. Illi waqt l-istess aggressjoni il-konvenut ta' daqqa ta' ras f'wiċċ l-esponenti fejn bil-konsegwenza l-attur sofra debilita' permanenti f'persuntu u dan kif jirriżulta mir-rapport tal-Konsulent tal-ENT Mr. Adrian M. Agius hawn anness u mmarkata bħala 'Dok MZ 1';

3. Illi għalhekk l-attur sofra danni inġenti kemm f'*lucrum cessans* u kif ukoll f'*damnum emergens* u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lill-konvenut Tonio Micallef unikament responsabbli għall-riżarċiment favur l-attur ta' danni minnu sofferti per konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet nhar l-1 t'Awwissu 2017 mill-konvenut għad-dannu tal-attur Michael Zammit ġewwa Ħal-Luqa.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 26 t'April 2018 u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Tonio Micallef (il-konvenut) tal-5 ta' Frar 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi d-domandi tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li l-konvenut ma jaħti xejn għall-inċident in kwistjoni u lanqas għall-infortunju, u dan peress illi l-inċident mertu għal din il-kawża ma seħħx minħabba negliġenza da parti tiegħu;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-inċident ġie kkawżat b'riżultat ta' negliġenza min-naħa ta' l-attur, hekk kif ser jirriżulta fil-proċess ta' din il-kawża;

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, anka kieku kellu jiġi ritenut li l-kovenut Tonio Micallef huwa responsabbli għall-inċident in kwistjoni, ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża li l-attur Michael Zammit ma sofriex minn inġenti kemm f'*lucrum cessans* u kif ukoll f'*damnum emergens* kif qiegħed jallega;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni allegati għandhom jiġu pruvati skont il-liġi, occorrendi bl-opera ta' periti nominandi;

5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."

Rat il-kontro talba tal-konvenut tal-5 ta' Frar 2019 li permezz tagħha ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-partijiet jaħdmu bħala uffiċjali fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta. Illi nhar l-1 ta' Awwissu, 2017, waqt li l-partijiet kienu fuq il-post tax-xogħol ġewwa Ħal-Luqa, ir-rikonvenut weġġa;

2. Illi rigward dan l-akkadut saret investigazzjoni interna skont l-*Armed Forces Act*, li minn tali investigazzjoni ma rriżulta l-ebda agressjoni minn naħa tar-rikonvenjent, Tonio Micallef, tant hu hekk li l-investigazzjoni llum il-ġurnata ġiet konkluża u ma nħarġu l-ebda *charges* fil-konfront tar-rikonvenjent billi dak li qiegħed jiġi allegat minn Michael Zammit mhux minnu;

3. Illi bħala konsegwenza tal-inċident, ir-rikonvenjent qiegħed iġarrab danni kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi r-rikonvenjent jaf b'dawn il-fatti personalment;

5. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-każ.

Jgħid għalhekk ir-rikonvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa skont il-liġi:-

1. Tiddikjara lir-rikonvenut Michael Zammit unikament responsabbli għall-inċident de quo u għad-danni kollha li per konsegwenza ġarrab ir-rikonvenjent.

2. Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni hekk sofferti mir-rikonvenjent.

3. Tikkundanna lir-rikonvenut biex iħallas lir-rikonvenjent dak l-ammont hekk likwidat u li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż kontra r-rikonvenut, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Attur għall-kontrotalba tal-konvenut tal-15 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġeb:

"1) Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-każ.

2) Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda u dan stante kuntrarjament għal dak indikat fil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti l-investigazzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta ma ġietx konkluża iżda biss sospiża u dan peress illi nħarġu akkużi kriminali fil-konfront tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema kawżi għadhom sub-judice.

3) Mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa l-attur rikonvenzjonat illi sofra ġrieħi u diżabilita permanenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonanti ma soffra

l-ebda danni u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjonanti.

4) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra l-attur rikonvenzjonanti li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Dan huwa inċident li seħħ nhar l-1 ta' Awwissu 2017. Il-kontendenti t-tnejn huma fil-Forzi Armata ta' Malta. L-Attur huwa bombardier mentri l-konvenut huwa Staff Sargent. Dak in-nhar tal-inċident kienu qed jitneħħew xi armi minn lok fuq ix-xogħol tagħhom. Jidher li fil-kors ta' dan ix-xogħol inqala' xi argument bejn il-kontendenti. L-Attur jgħid li l-konvenut tah daqqa b'rasu f'wiċċu bil-konsegwenza li sofra ġrieħi ta' natura permanenti. Il-konvenut jiċħad li weġġa' lill-Attur intenzjonalment. L-Attur għamel din il-kawża għad-danni li sofra.

**Punti ta' Liġi**

**2.** L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha. Fir-rigward ta' dawn iż-żewg artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-*

*illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara.*" (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

**3.** B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquiliana u ċioe' l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid dejjem jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmel din il-prova, li jesisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament marbuta mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed anke jingħad fid-dawl tal-fatt li "*Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili.*" (Ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**Konsiderazzjonijiet**

**4.** Kif diġa rilevat, il-konvenut għamel ukoll kontro talba. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex l-ewwel tikkonsidra r-rikors ġuramentat u wara l-kontro-talba.

*<u>Ir-rikors ġuramentat kwantu responsabbilita' tal-konvenut rikonvenzjonant</u>*

**5.** Dan huwa inċident li seħħ fl-1 ta' Awwissu 2017, fuq il-post tax-xogħol, bejn żewġ uffiċjali tal-Forzi Armati, li hija korp dixxiplinat. L-inċident huwa bejn Staff Sargent (il-konvenut) u bombardier (l-Attur).

**6.** Il-Qorti tibda biex tiddeplora li l-fatt li f'Korp bħal dan jinqalgħu inċidenti bħal dawn, meta dan huwa Korp li l-funzjoni primarja tiegħu, bħal dak tal-Pulizija, li propju jipprevjeni inċidenti ta' din ix-xorta, inċidenti li jersaq ħafna lejn l-infantilsimu adult li sors tiegħu hija pika u jekk mhux ukoll u insubordinazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

**7.** Il-Qorti fliet sewwa l-provi li għandha quddiemha u tfakkar prinċipju importanti li għandu jwassal għall-konklużjoni dwar min kien repsonsabbli għall-att li kkawża d-danni: il-livell tal-provi meħtieġ biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni ma hux dak tad-dubbju raġjonevoli li tista' tiddetta r-raġuni iżda dak li jirrisulta mill-preponderanza tal-provi u l-bilanċ tal-probabilitajiet.

**8.** Din il-Qorti trid izzomm nettament distinti l-kamp penali minn dak ċivilistiku. Huwa għalhekk li wieħed mill-ewwel artikoli tal-Kodiċi Krminali jistipula hekk:

*"3.(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.*

*(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta'ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.*

*(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat."*

**9.** Il-leġislatur bħal donnu ried li jagħmel emfażi li dawn iż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendentement minn xulxin. Di fatti minkejja li artikolu 643 jiddisponi li ebda xhud ma jista' jkun imġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet, meta t-tweġiba tista' ġġibu taħt proċess kriminali, ma hiex xi

privileġġ li xhud bħal dan jagħżel li ma jixhidx fi process ċivili. Id-dritt taħt din ir-regola jintitola biss li persuna ma jweġibx għal dawk il-mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawh. Tant dawn iż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendenti minn xulxin, li jista' jagħti l-każ li akkużat li jiġi meħlus fi proċess penali, xorta jista' jinstab responsabbli għad-danni fi proċess prettament ċivili.

**10.** F'dan l-istadju l-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Farrugia -vs- Farrugia, deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966**, fejn ġie elaborat il-prinċipju fuq imsemmi b'dan il-mod:

"*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

**11.** Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kejl ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet li tingħatalu, iżda jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment huma biżżejjed għall-konvinċiment.

**12.** Għax kif ġie dejjem ribadit, iċ-ċertezza morali tinstilet mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-

kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġjonevoli. Għalhekk, "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".* (supra Farrugia -vs- Farrugia).

**13.** Issa minn dak li għandha quddiemha l-Qorti, b'ħafna mix-xhieda jipprovaw jiżolqu li jispjegaw x'ġara għalkemm kienu presenti għall-inċident, żewġ verżjonijiet: dik tal-Attur, li jgħid li l-konvenut intenzjonalment tah daqqa b'rasu fuq imnieħru u dik tal-konvenut, li fehmet din il-Qorti, dan jgħid li laqat lill-Attur f'imnieħru inċidentalment meta qam biex ikellmu.

**14.** Wara li din il-Qorti eżaminat fid-dettal il-provi, waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-Attur hija ħafna aktar verosimili minn dik tal-Attur. Di fatti anke il-Kaptan Julian Tonna, wieħed mill-uffiċjali li għamel parti mill-inkjesta interna bla tlaqliq jgħid li huma li waslu "*għall-konklużjoni tal-Head butt għaliex ma rawx li kienet verosimili l-istorja tal-konvenut li laqat lill-Attur aċċidentalment waqt li kien qiegħed iqum minn bil-qegħda"* (a' fol 22 u 369 tergo).

**15.** L-Attur jixhed "*li wara li ergajt tlabtu biex jaqla' din il-arma, dan qam minn bil-qeghda ta' daqqa ta' ponn mal-bieb, dar fuqi ghola fuq il-ponot ta' subghajh, tani daqqa b'rasu f'imniehri. Dan kollu sehh quddiem staff sergent Mark Sultana li dak il-hin inhasad, kif ra lil Tonio Micallef jaghtini daqqa b'rasu u qallu : 'Mela inti hekk taghmel".* (a' fol 27).

**16.** Ix-xhud prinċipali Mark Sultana kien evażiv għall-aħħar fix-xhieda tiegħu, di fatti anke fl-investigazzjoni tal-Armata ġie deskrit bħala "*inconsistent and hesitant*" (a' fol 88). Pero' jikkonferma li l-Attur kien qed iżomm wiċċu u li fil-fatt kellu d-demm. Jikkonferma ukoll li l-partijiet ġew wiċċ 'm b'wiċċ (a' fol 62 u 63). Tajjeb li jingħad li fl-inkjesta dan ix-xhud qal li "*…SSgt Micallef T stood up to Bdr Zammit M and accidentally hit him on the nose"* (a' fol 89). Dettal li f'din il-Kawża naqas li jgħid minkejja l-persistenza ta' mistoqsijiet li sarulu kemm mill-avukat tal-Attur u anke mill-Qorti" (a' fol 88). Tajjeb ukoll li jiġi osservat li għal raġunijiet li jaf huwa biss fl-Affidavit tiegħu l-Konvenut ma jgħid xejn dwar l-inċident mertu tal-kawża li wassal għall-ferita f'imnieħer l-Attur. Ma jghid xejn dwar il-mod kif seħħ l-inċident pero' jiddeskrivi lill-Attur bħala persuna għażżiena. Jgħid ukoll li jekk wieħed jara l-file tal-Konvenut huwa disastru (a' fol 373). Dan jindika li għall-konvenut l-Attur ma kienx wieħed mill-aktar favoriti ta' kollegi fuq ix-xogħol, ghaliex flok spjega ċar x'ġara, bħal donnu jrid li jiddenegra lill-Attur ma' din il-Qorti u dan indipendentement jekk dak li qal dwar il-konvenut hux minnu jew le. Pero' din il-parti tax-xhieda hija ukoll indikazzjoni tar-relazzjoni pre esistenti għall-inċident.

**17.** Ix-xhud Benny Micallef, li dak in-nhar tal-inċident kien mal-Attur jixhed li mar ifittex karta u biro. "*Sakemm fittixt u tlajt jiena, insib lil Michael ibaħbaħ wiċċu ma' sink bid-demm*". Rah iżomm imnieħru u d-demm iqattar u jbaħbaħ bl-ilma. Mal-Attur kien hemm Staff Sergent Sultana li kien qiegħed jassistih (a' fol 57). Dan ix-xhud jgħid ukoll li l-Attur ma qallux biex

kien weġġa'. Oħroġ il-għaġeb, ebda wieġed mix-xhieda ma jaf x'kienet il-kawża tad-demm ħiereg minn imnieħer l-Attur u partikularment Mark Sultana jgħid li ma kienx affarih u dawn ħwejjeġ li ma jirrigwardawhx. Għal din il-Qorti huwa ċar li x-xhieda la jridu jfuħu u lanqas jintnu mal-konvenut. Dettal xi ftit importanti huwa dak meta l-konvenut qal li qabel kien hemm diġa' inċident simili mal-konvenut (a' fol 89). Pero' ma amplifikax x'kien dan l-inċident. Imma minn hawn jirrisulta ukoll li din kienet ilha ġejja għaliex bejn il-kontendenti jidher li kien hemm l-imma.

**18.** Għalhekk anke din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konklużjonijiet tal-inkjesta. Mill-inkjesta jirrisulta fost oħrajn *"… it transpires that Bdr Zammit M attitude triggered SSgt Micallef T* *to stand up and give a head butt to Bdr Zammit on his nose"* (a' fol 88 emfażi tal-Qorti). Il-kelma "*triggered*" tagħti x'tifhem li seta' kien hemm xi provokazzjoni min-naħa tal-Attur li wassal għall-inċident. L-Attur ma jidhirx li huwa bniedem faċli. L-anqas ma jidher li huwa l-aktar persuna popolari fuq il-post tax-xogħol, tant li anke jgħid li sħabu għadhom sal-lum jinkuh bl-inċident (ara rapport ta' Dr. Etienne Muscat a' fol 46). L-anqas ma din il-Qorti ma teskludi li l-Attur kien insubordinat. Iżda dan il-fatt waħdu ma kellux iwassal għall-att li wettaq il-konvenut. Anzi huwa f'mumenti bħal dawn li persuna tal-kariga tiegħu għandu jgħati eżempju lil dawk ta' madwaru billi jagħmel dak li għandu jagħmel mil-lat ta' dixxiplina.

**19.** Dwar il-provokazzjoni fil-kamp ċiviltiku tad-danni intqal hekk:

"*La guirisprudenza civili ha constatamente affermato che 'la provocazione non puo' essere considerate causa mediate del danno inferto dal provocato (danneggiante) al provocatore (dannegiato), con il-risultato che l'integrale reponsabbilita' per id-danni subiti dal secondo incombe sul-primo"* ( Ara **Giovanna Visitini, Trattato Breve di responsabbilita' Civile, Cedam, Ed 1997, pg 577-578**). F'ċirkostanzi bħal dawn ġie osservat li "l-anqas jista' l-konvenut jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew forsi aktar eżattament, il-calor rixae. Hu, difatti, prinċipju indubitat ta' dritt penali, li ma hijiex affattu ammessa bħala attenwanti tar-responsabilita` dik li bi frażi skultorja ssejħet "provocation provoked by the prisoner" (ara Harris & Wilshere, Criminal Law, p 201) u hu wkoll paċifikament riċevut li ma jistax jikkampa ebda diminwenti ta' responsabilita dak li l-fatti juru li kien qiegħed jaġixxi minħabba dik li tissejjaħ "an old grudge" (ibidem p 202), kif kien dan il-każ, fejn il-konvenut kien dejjem iħabbat fuq din il-kwistjoni tal-kera ta' ftit xelini.

**20.** Del resto, hu anki prinċipju ieħor li r-reazzjoni, biex tiġi ammessa l-iskużanti tal-provokazzjoni, jeħtieg li tkun proporzjonata" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Francesco Gauci -vs- Salvatore Gauci, Appell Ċivili, tat-30 ta' Novembru 1956 riportata a Vol. XL P I p 376 u ara wkoll Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Philip Muscat, Appell Kriminali, tat-12 ta' Marzu 1960**).

**21.** Għalhekk din il-Qorti, jekk il-konvenut irid jagħti x'jifhem li kien provokat u allura għandu jkun hemm temperament fil-likwidazzjoni tad-

danni, il-Qorti issib li ma hux il-każ. L-ewwel u qabel kollox għaliex r-rejazzjoni tal-konvenut kienet sproporzjonata għall-aħħar u it-tieni jrid jinżamm il-kuntest tal-każ. Il-kariga li jidditjeni fil-Armata titlob minnu li għemilu jkun ta' eżempju għal ħaddieħor għaliex jispetta lilu jżomm id-dixxiplina. Kif ġab ruħu huwa għal kollox kontra dak li huwa mistenni lilu.

**22.** Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li l-Attur unikament jaħti għall-inċidenti u danni konsegwenzjali li soffra l-Attur.

<u>*Kontro talba kwantu reponsabbilta tal-Attur rikonvenzjonat*</u>

**23.** Fuq il-kontro-talba ma tantx hemm xi tgħid. Għall-istess raġunijiet ikkonstati aktar 'l fuq, din il-Qorti issib li din hija għal kollox infondata kemm fil-fatt u anke fid-dritt.

**24.** F'din il-kontro-talba l-konvenut jippremetti li *"rigward dan l-akkadut saret investigazzjoni interna skont l-Armed Forces Act, li min tali investigazzjoni ma irriħulta l-ebda agressjoni minn naħa tar-rikonvenjent".* Dan assolutament ma hux minnu għaliex ġie fil-fatt misjub il-kontrarju għal dan. L-inkjesta stabbilit li *"… it transpires that Bdr Zammit M attitude triggered SSgt Micallef T <u>to stand up and give a head butt to Bdr Zammit on his nose</u>"* (a' fol 88 emfażi tal-Qorti). Għal din il-Qorti din il-konklużjoni hija biżżejjed għalkemm ir-responsabilita' tal-konvenut tirriżulta ukoll għar-raġunijiet diġa' trattati dettaljatament aktar 'l fuq anke kieku stess din l-inkjesta ma waslitx għal din il-konklużjoni.

**25.** Għaldaqstant din il-Qorti ser tiċħad fl-interita' tagħhom it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti.

<u>*Danni sofferti mill-Attur*</u>

**26.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqies l-element ta' responsabbilita` u wara, f'każ li jirriżulta li hemm din ir-responsabbilita`, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma.

**27.** Id-danni klassikament dejjem tqiesu bħala żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk: "*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*"

**28.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' *desiderata* milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident gravi, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**29.** Din il-Qorti issejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Jekk l-Attur kien jipprattika sport bħal ma jidher li huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa l-anqas wieħed ma jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' **Heil -vs-Rankin** fejn intqal hekk:

"The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…" (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**30.** Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'Butler-vs-Hurd, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident fil-ħajja ta' dak li jkun.

<u>*Damnum Emergens*</u>

**31.** Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-Attur jargumenta li t-telf attwali li għamel jikkonsisti f'infieq ta' mediċina, visti privati għand speċjalisti u

tobba, liema somma għandha tirrapresenta id-*damnum emergens* (a fol 391). Iżda minn eżami tal-provi, l-Attur naqas li jirrapresenta riċevuti tal-infieq u ħlas li għamel.

**32.** B'dana kollu, meta l-Qorti tkun moralment konvinta li xi infieq sar, dejjem għandha l-fakulta' li *arbitrio boni viri* tillikwida somma li hija raġjonevoli. Fil-proċess hemm żewġ rapporti ta' tobba privati u huwa ukoll raġjonevoli li l-Attur nefaq xi mediċini fid-dawl tal-feriti li sofra. F'dan ir-rigward intqal li "*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi 'vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato'. Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f' dawn il-każi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix eżonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom għall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut li jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwiżiti fil-proċess. Fi kliem ieħor hu għandu jipprovdi motivazzjoni loġika tal-kriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal għal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur. Ara f' dan is-sens u fuq dan il-punt id-deċizjoni riportata*

*a Vol. XXIX P I p 128*" (Ara **Sentenza tat-13 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Margaret Camilleri pro et -vs- The Cargo Handling Co Ltd**).

**33.** Għalhekk meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verosomiljanza tal-infieq taħt dan il-kap ta' spejjes għalkemm mankanti b'mezzi probatorji tħoss li għandha tillikwida s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) bħala *damnum emergens*.

*Lucrum cessans*

**34.** Sabiex il-Qorti tasal għad-danni futuri, hemm diversi prinċipji li għandhom ikunu imħarsa, b'ħafna minnhom evoluti bis-saħħa tal-ermenawtika lokali u anke awturi.

**35.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

**36.** Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabilita' tal-Attur, skond rapport ta' Mr. Adrian Agius tat-23 ta' Diċembru 2017 id-diżabilita' permanenti hija ta' 6% (a' fol 5). Jispjega li din hija standard valuation fejn ikun hemm external deformity jew inkella problema fin-nifs (a' fol 37). Fil-waqt li Dr. Etienne

Muscat, psikjatra jgħid li din hija ta' 12% konsistenti f'post traumatic disorder (a' fol 41 u fol 43).

**37.** Huwa ukoll stabbilit li sabiex il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**38.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti fejn dan ma jipprekludix lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**39.** F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma

oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**40.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**41.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**42.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**43.** Il-Qorti issa ser tghaddi biex tqies wieħed wieħed il-prinċipji li ser jigwidawha biex tillikwida l-kumpens.

_Multiplier_

**44.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967****. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata*

*setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*".

**45.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*".

**46.** Kultant ċertu provi jittieħdu wisq b'leġerezza. L-Attur ma esibixiex certifikat tat-twelid tiegħu jew xi dokument affidabbli f'dan ir-rigward. F'każ bħal dan, sakemm ikun possibbli, il-Qorti għandha tifli l-bqija tal-provi biex tiskopri data tat-twelid jew indikazzjoni ta' din id-data.

**47.** Fil-każ li għandha quddiemha dan id-dokument hija l-istorja medika tal-Attur, minn fejn tirrisulta li d-data preċiża tat-twelid li hija 28 ta' Ottubru 1981 li tagħmel sens, meta wieħed jikkonsidra li n-numru tal-karta tal-identita' tal-Attur huwa 5964**81**(M). L-aħħar żewġ numri huma indikattivi tas-sena li twieled fiha l-Attur (a' fol 173). L-Attur ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena

pensjonabbli). L-inċident seħħ fl-1 ta' Awwissu 2017 meta l-Attur kellu 36 sena. Dan ifisser, li l-kalkolu li ser jittiehed huwa fuq medda ta' 29 sena.

*Il-lump sum payment*

**48.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena. Il-kriterju

huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena.

**49.** Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha, li l-perċentwali ta'18% bħala lump sum payment ikun ġust stante li l-kawza bdiet fil-21 ta' Diċembru 2018. Dan għaliex, l-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa żmien raġjonevoli biex setgħet ingħatat Sentenza u li l-Attur ħa kważi sena u nofs biex jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu b'din il-Kawża.

*L-entrojtu tal-Attur*

**50.** Normalment dan huwa kalkolat fuq is-salarju ordinarju tal-Attur. F'dan il-każ il-Qorti ser tikkonsidra l-eqreb salarju riċevut minnu għad-data tal-inċident. L-eqreb salarju huwa dak tas-sena 2018 fl-ammont ta €17,733 (a' fol 77). Huwa fuq dan l-ammont ta' salarju li ser jkunu kalkolati d-danni piu' 6% fil-mija biex jagħmel tajjeb għall-fattur ta' inflazzjoni stante li s-somma li ser tkun likwidata tirrapresenta waħda proġezzjoni futur. Huwa minn awl id-dinja, li l-valur monitarju huwa soġġett għall-erosjoni tal-għoli tal-ħajja li dejjem qed togħla. Li tonqos huwa improbbabbli ħafna.

**51.** Di piu' din il-Qorti tfakkar li l-proviso tal-artikolu 1045 jistipula hekk:

"*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal- Kodiċi Kriminali u ta' delitti*

*<u>volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi</u>, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammontmassimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jridjiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent"* . (Emfażi ta' din il-Qorti).

**52.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, jirrisulta li proċeduri kriminali kontra l-konvenut ittieħdu, tant li minħabba f'hekk tqiegħed fuq nofs pensjoni (ara fol 300). Sa din is-sentenza il-Qorti għandha għalfejn tifhem li dawn għadhom pendenti.

**53.** Issa ma huwiex dubitat li għemil il-konvenut kien wieħed volontarju, li kif diġa' aċċennat, wassal għal debulizza permanenti fil-persuna tal-Attur. Din il-Qorti fil-kompetenza ċivili tagħha, ma hiex tenuta li tistenna l-esitu tal-proċeduri penali jew li tkun taf ix-xorta ta' rejati li ġew addebitati lill-konvenut f'dawk il-proċeduri biex tkun tista' tapplika din il-parti tal-liġi. Li kieku kien hekk, il-proċeduri f'din il-Kawża jistgħu idumu indefinittivament u l-prinċipju li ż-żewġ azzjonijiet jimxu indipendentement minn xulxin jista' jintrema l-baħar.

**54.** Għalhekk, sabiex jiġi applikat il-proviso tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, kull ma għandha tagħmel il-Qorti hu, li tistabilixxi jekk il-fatti jissubentrawx fl-elementi tar-rejat kontemplati fil-Kodiċi Kriminali fit-titoli imsemmija fil-proviso fuq imsemmija.

**55.** Issa għal din il-Qorti huwa ċar, li l-fatti li għandha quddiemha jikkontemplaw ir-rejat taħt titolu VIII tat-taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-kodiċi Kriminali. L-anqas ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-artikoli 216 tal-kodiċi Kriminali jaqa' fil-previżjoni tal-proviso fuq imsemmija.

**56.** Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

(1) *L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena* *ta' priġunerija minn sena sa seba' snin* *-(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja;*

(2) *Jew (ii) ta'* *debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii)* *ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella (iv)* *ta' marda permanenti tal-moħħ.* (emfazi tal-Qorti).

**57.** Għalhekk din il-Qorti, apparti li ser tgħaddi biex tillikwida d-danni bis-soliti prinċipji u gwidi, ser tkun ukoll qegħdha tillikwida d-danni morali taħt dan il-proviso, dan qed tagħmlu wara li ħadet inkonsiderazzjoni l-gravita' tal-ferita, l-umiljazzjoni li għadda minnha l-Attur u x'aktarx għadu għaddej minnha fuq ix-xogħol u li dan ser ikun imċaħħad għal bqija ta' ħajtu milli jeżerċita attivitajiet estra-kurrikulari tal-ħajja.

**58.** F'dan ir-rigward l-Attur isemmi li kien jilgħab ir-rugby. Dan mhux ser ikun jista' jagħmlu aktar. Jixraq ukoll li jinbagħat il-messaġġ ċar, li żmien il-*cowboys* għadda u li partikularment persuni f'posizzjonijiet u karigi ta' awtorita' għandhom jużaw id-dixxiplina iżda qatt aggressjoni. Għalhekk,

f'dan ir-rigward il-Qorti qed tillikwida s-somma ta' sitt elef ewro (€6000) abbażi tal-artikolu tal-proviso tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili bħala danni morali u psikoloġiċi. Il-Qorti ser ukoll tqies din is-somma, bħala li tagħmel tajjeb għal integrita' psiko-fiżika tal-Attur.

*Il-Perċentwal ta' diżabilita' permanenti*

**59.** Kif diġa rilevat, il-Qorti għandha quddiemha żewġ rapporti ta' tobba. F'dan ir-rigward il-Qorti rat ukoll in-nota fejn il-konvenut iddikjara li huwa lest li joqgħod fuq id-dokumenti esebiti mill-Attur. Allura qagħad anke fuq dawn id-dokumenti tant li ma kienx hemm il-ħtieġa li jinħatar espert tal-Qorti.

**60.** Skond rapport ta' Mr Adrian Agius (ENT) tat-23 ta' Diċembru 2017 id-diżabilita' permanenti hija ta' 6% (a' fol 5). Jispjega li din hija standard valuation fejn ikun hemm external deformity jew inkella problema fin-nifs (a' fol 37). Dr. Etienne Muscat (Psych) wasal għal 12% għal post traumatic disorder (a' fol 41 u fol 43). F'ċirkostanza bħal din il-Qorti trid tqis il-*weighted average* taż-żewġ rapporti. Il-Qorti tħoss li l-persentagg ta' tmienja fil-mija (8%) bħala diżabilita' permanenti huwa wieħed raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi. Huwa dan il-perċentwal li għalhekk ser ikun użat biex jinħadmu d-danni.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**61.** Fuq stregwa tas-Sentenzi u prinċipji fuq elenkati d-danni huma s-segwenti:

€17,733(salarju) x 29 (snin sal-eta' pensjoni) = €514,257.

€514,257 – 18% (lump sum payment) = €421,691.

8% (rata ta' diżabilita' permanenti) ta' €421,691 = €33,735

€33,735 + 6% (rata inflazzjoni) = €35,759

€35,759+ €6000 (danni morali art 1045 proviso) = €41,759

€41,759 + €300 (damnum emergens) = **€42,059** ammont finali ta' danni.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet** rikonvenzjonali kollha tal-konvenut.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara lill-konvenut Tonio Micallef unikament responsabbli għar-riżarċiment ta' danni favur l-Attur per konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet fl-1 ta' Awwissu 2017.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tillikwida d-danni fl-ammont ta' **tnejn u erbgħin elf u disgħa u ħamsin ewro (€42,059)**.

Tilqa' it-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża kollha a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**